MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2011

Numru 186/2008

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA'**

**KONTRA**

**STEFAN CACHIA ta' 21 sena, iben Martin u Therese nee' Carabott, imwieled tal-Pieta' nhar it-23.11.1989, residenti fil-fond Casa Martina, 238, Triq l-Imhallef William Harding, Pembroke, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 562089M;**
**OMISSIS**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **STEFAN CACHIA** li gie akkkuzat talli:

Nhar il-Hadd, 9 ta' Dicembru, 2007, b'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer, iffalsifika jew biddel minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta' industrija, jew xjentement ghamel uzu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali ffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid;

U aktar talli fll-istess data, lok, u cirkostanzi, xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema mxebbhin b 'qerq u cioe' optical diskettes;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghall-qliegh, jew bi skop ta' kummerc, stampa jew immanifattura, idduplika, jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassar, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-Ligi ta' Malta jew tahtha u cioe' optical diskettes;

U aktar talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi, bil-ghan li jiehu vantagg ghalih innifsu, jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-proprjetarju, applika fuq oggetti jew fuq l-ippakkettjar taghhom sinjal identiku ghal, jew li x'aktarx jithawwad ma' trademark registrata;

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, bil-ghan li jiehu vantagg ghalih innifsu jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-proprjetarju, biegh jew kera, offra jew espona ghall-bejgh jew kiri, jew qassam oggetti li kellhom fuqhom, jew l-ippakkettjar taghhom kellu fuqu, sinjal identiku ghal, jew li x'aktarx jithawwad ma' trademark registrata.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji (folio 20), u kif ukoll li l-imputat iddikkjara li ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat fl-istadju tal-interrogatorju, seduta 25.06.2011, u dan wara li gie moghti zmien xieraq mill-Qorti sabiex jahseb fuq l-istess.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti.

Ikkunsidrat:

Illi wara li rat l-Artikoli 298(1)(a), 298(1)(f), u 298B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u kif uoll l-Artikoli 72(1)(a) u 72(1)(b) tal-Kapitolu 416 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi mputat Stefan Cachia hati, u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jergax jaghmel reat iehor fi zmien sentejn(2);
Tordna d-distruzzjoni ta' l-oggetti ezebiti fis-sedut ta' nhar it-03.03.2011.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------